# *4*

## *Salott tad-Dar Blache. Fil-ghaxija*

## *Flixkun u tlett tazzi. Kelb.*

ADELE — U allura llum ?

BLACHE — Illum ghedt lili nnifsi li din l-esperjenza twila ma kienetx wahda negattiva ippermettietli nsawwar lili nnifsi

Inti libera llejla ghall-ikla ta' fil-ghaxija nistghu x'tahseb qalbi nkomplu din il-konversazzjoni minghajr ghaggla zejda madwar xi platt

Inti taf li s-Sinjura Blache kienet ta' kuragg mhux se nidhol fid-dettalji ta' l-umiljazzjoni materjali ahna li kellna kollox

Minghajr ma nsemmi ...

MME BLACHE — Il-harsa fissa tan-nies

BLACHE — In-nies ma kienux iharsu lejna iktar

MME BLACHE — Il-bicca l-kbira minnhom li kienu jafuna

BLACHE — Kienu jaghtuna dahrhom

MME BLACHE — Konna ndejjquhom

Imma kien hemm min kien hemm min jaghmel sforz minkejja kollox "Kif intom?"

Il-harsa imbarazzata u mimlija hasra u fl-istess hin kurjuza

Ghax meta wiehed jiftaqar

Difficli imma

Thoss fuqek il-harsa li jitfghu fuq xi hadd li qed jeghreq

BLACHE Xih jien? Xih ta' hamsin sena? Insomma veru povru Blache trid tirrealizza li ta' hamsin sena tkun spiccajt x'jidhirlek ?

MME BLACHE Milli ghandna se noffrulek

BLACHE Kronologikament

L-ewwel ix-xokk

MME BLACHE Bqajna mbellhin eh iva

BLACHE Imbaghad perjodu ta' ewforija ferh kbir li dam xi xhur ghaddej fazi ta' attivita' dik ta' avvizi klassifikati li konna nqasqsu

MME BLACHE Int ma kont tinqala qatt min fuq it-telefon

BLACHE Kont ser nirkupra

Insib impjieg almenu bhalu

MME BLACHE Kont tibghat madwar hmistax-il ittra kuljum

Kull gimgha tama gdida

Nistennew t-twegibiet

BLACHE Ma kienx hemm twegibiet
Jew kienu le

MME BLACHE U bil-ftit il-ftit il-paniku

BLACHE Perfettament iva wiehed jista' jghid hekk

Id-dubju li jsir certezza

Int m'ghadikx tiswa daqs paljazza

Ic-certezza li tkissrek

Konna f'luttu

MME BLACHE Kont narah joghlob bis-sighat quddiemi u ma stajt naghmillul xejn

ADELE Dan dehrli li huwa tajjeb hafna

Kif tqattaghha ?

BLACHE Naghmel il-jogging nghum iva nilghab it-tennis

Hawn min l-isport jippratikah biss quddiem l-iskrijn tat-televixin

It-televixin jien nixghelu biss meta jkun hemm xi dokumentarju tajjeb jew xi dibattiti kbar

ADELE Inti tarah nimmagina « Id-dinja u jien »

MME BLACHE Jekk isegwiehx ?

BLACHE Nheda bih dak tax-xahar li ghadda li kien … stenna

MME BLACHE Fuq is-sejba mill-gdid tal-fidi

BLACHE Kien hemm sekwenza li nahseb ma ninsiha qatt

Dik fejn wiehed jara qalb il-palm is-suwicidju kollettiv ta' ma nafx liema setta

Jidhirli li dak kien qed jigri fuq gzira

| | |
|---|---|
| ADELE | Mhux ezattament |
| | Kien hemm insert iva fuq it-tixrid tad-demm tal-Guyana |
| | Allura ghidli |
| | B'liema manjiera hrigt minnha? |
| | Intom taghmlu parti minn numru zghir |
| BLACHE | Mhux l-ewwel darba jien u marti staqsejna lilna nfusna kif Vincent Bonnemalle jaghmel biex isib nies li generalment huma straordinarji kienu jghidu li ghandu tim famuz li jipprovduhomlu |
| ADELE | Holqa twassal ghal ohra |
| BLACHE | Tassew inti genjali |
| ADELE | inhossuha ixommuha |
| | nitkixxfuha |
| BLACHE | Jien m'inix ser nghidlek kif wasalt ghalija. Nammira hafna ... |
| | Allura dwar il-mistoqsija tieghek |
| MME BLACHE | Isa poggi |
| | Attent ghax il-platt jahraq |
| BLACHE | It-twegiba qieghda fil-hames sillabi tal-kunjom Robinson |
| ADELE | Taf li dan vera jfuh ? |
| BLACHE | Robinson Crusoe fuq il-gzira tieghu dan kien iqajjimni mill-inattivita' sfurzata tieghi kont bdejt nistiva il-kotba f'ordni alfabetika |

Robinson Crusoe wiehed mill-kotba ta' tfuliti b'qoxra hamra tal-gilda

Qghadt inqalleb ftit nemmen kien dan li hakimni waqt l-irqad tieghi
L-ghada fil-ghodu malli qomt ghedt lil marti

ADELE Verament tajjeb

MME BLACHE Ricetta veru semplici qalli

BLACHE Dan jidhirlek redikolu

Ghidilha

MME BLACHE Qalli jien Robinson fuq il-gzira tieghu m'inix xi xih jien nawfragat li rnexxejt qed tifhimni Caroline irnexxejt

BLACHE Nirbah gzira vojta

In-nawfragat dan jorganizza l-ghixien tieghu anke jekk l-istennija hija twila fl-ahhar mill-ahhar jidhru l-qlugh

Sadanittant hemm bzonn li jimmanuvra s-sitwazzjoni bl-accettazzjoni shiha tal-limitazzjonijiet kollha tieghu

Jghix attivament quddiem vojt kbir jgharrex ix-xefaq lest biex jibghat is-sinjal

MME BLACHE Beda jghaddi l-gurnali kollha ta' l-ekonomija

BLACHE F'daqqa wahda niltaqa' ma' paragrafu li kien jitkellem dwar bicca negozju zghira brillanti li kienet twassal ferm 'il boghod f'qasir zmien

Falliment

It-tfittxija tan-numru ninsisti biex inkellem lid-direttur nipproponi s-servizzi tieghi minghajr hlas izda b'impjieg bil-kundizzjoni li jekk s-soluzzjoni tieghi tieghi thalli l-frott ilhaqna ftehim tista' timmagina li stajt nerga' nibda minn dak il-punt

| | |
|---|---|
| MME BLACHE | Nicolas beda jahdem bhal mignun |
| BLACHE | Fi zmien sitt xhur l-intrapriza regghet giet fuq saqajha |
| MME BLACHE | Illum huwa l-id il-leminija tas-sid bil-kariga ko-direttur generali |
| BLACHE | Kumpanija li tokkupa sehem tas-suq kemmxejn ckejken imma li tispecjalizza f'dan il-qasam wahedha u dan il-qasam ghandu potenzjal kbir<br><br>Isma ghedt lili nnifsi li xi darba tajjeb li wiehed jitkellem dwarha fuq it-televizjoni imma qatt ma kont nimmagina<br><br>Veru bhallikieku jum minnhom taqsam ghan-naha l-ohra ta' l-iskrijn tat-televixin |
| ADELE | U Madame Blache taccetta wkoll |
| MME BLACHE | Oh Nicolas ma nafx |
| BLACHE | Int ikollok xi tghid iktar milli jkun hemm bzonn int ukoll hanini |
| ADELE | Tkunu gewwa fl-istess hin<br><br>Diretti fuq il-palk fost il-grupp ta' nies li ilhom qieghda ghal zmien twil ta' iktar minn hamsin sena animat minn Vincent<br><br>U barra tafu s-sistema ta' inserts hawnhekk god-dar dar taghkom go l-istudju taghkom u hemm bzonn nittrasportaw irwiehna fuq ix-Xatt tal-Loire fuq xi ramla ir-ramla favorita taghkom |